

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/870

tal-24 ta' Mejju 2016

dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu ta' erba' snin

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu, u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Novembru 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1801/2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania ⁽²⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sħubija").
- (2) L-aħħar Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija skada fis-16 ta' Diċembru 2014.
- (3) L-Unjoni u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania innegozjaw protokoll ġdid ⁽³⁾ għall-Ftehim ta' Sħubija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll").
- (4) Dan il-Protokoll ġie ffirmat skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/2191 ⁽⁴⁾ u japplika b'mod provviżorju mis-16 ta' Novembru 2015.
- (5) L-Artikolu 10 tal-Ftehim ta' Sħubija stabbilixxa Kumitat Konġunt inkarigat li jikkontrolla l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u li jiżgura l-eżekuzzjoni tiegħu. Barra dan, skont il-Protokoll, il-Kumitat Konġunt jista' japprova ċerti emendi għall-Protokoll. Sabiex tiġi ffaċilitata l-approvazzjoni ta' dawn l-emendi, ikun xieraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, taħt kondizzjonijiet speċifiċi, li tapprovahom skont proċedura ssimplifikata.

⁽¹⁾ Il-Kunsens tal-10 ta' Mejju 2016 (għadu ma ġie ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006 tat-30 ta' Novembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja (ĠU L 343, 8.12.2006, p. 1).

⁽³⁾ Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu ta' erba' snin (ĠU L 315, 1.12.2015, p. 3).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2191 tal-10 ta' Novembru 2015 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu ta' erba' snin (ĠU L 315, 1.12.2015, p. 1).

(6) Ikun adatt li l-Protokoll jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu ta' erba' snin huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni ⁽¹⁾.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jipproċeedi bin-notifika prevista fl-Artikolu 17 tal-Protokoll.

Artikolu 3

Soġġett għad-dispożizzjonijiet u l-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, fisem l-Unjoni, li tapprova, fil-Kumitat Konġunt, emendi għall-Protokoll.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Mejju 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
A.G. KOENDERS

⁽¹⁾ Il-Protokoll ġie ppubblikat fil-ĠU L 315, 1.12.2015 flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-firma tiegħu.

ANNEX

Ambitu tas-setgħat mogħtija u l-proċedura biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt

1. Il-Kummissjoni hija awtorizzata tinnegozja mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania u tapprova l-emendi tal-Protokoll marbutin mal-kwistjonijiet li ġejjin fejn ikun xieraq u sakemm tħares il-punt 3 ta' dan l-Anness:
 - (a) ir-reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikoli 5 u 6 tal-Protokoll;
 - (b) id-deċiżjonijiet dwar il-proċeduri tal-appoġġ settorjali skont l-Artikolu 3 u l-Anness 2 tal-Protokoll;
 - (c) il-kondizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attivajiet tas-sajd skont l-Artikoli 5 u 6 tal-Protokoll.
 2. Fil-Kumitat Konġunt, l-Unjoni għandha:
 - (a) taġixxi skont l-oġġettivi li hija ssegwi fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd;
 - (b) tikkonforma mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar Komunikazzjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd;
 - (c) tippromwovi pożizzjonijiet li huma kompatibbli mar-regoli rilevanti adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.
 3. Meta jkun previst li tiġi adottata deċiżjoni dwar l-emendi tal-Protokoll imsemmija fil-punt 1 waqt laqgħa tal-Kumitat Konġunt, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex il-pożizzjoni li tiġi espressa fisem l-Unjoni tkun tqis id-data statistika, bijoloġika u l-aspetti oħra l-iktar riċenti mibgħuta lill-Kummissjoni Ewropea.

Għal dan il-għan u abbażi ta' din id-dejta, is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jibagħtu lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu, biżżejjed żmien qabel il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt rilevanti, dokument li jispjega fid-dettall l-elementi speċifiċi tal-pożizzjoni proposta tal-Unjoni, għall-analiżi u l-approvazzjoni tiegħu.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjonijiet imsemmija fil-punt 1(a), il-Kunsill għandu japprova l-pożizzjoni prevista tal-Unjoni b'maġġoranza kkwalifikata tal-voti. Fil-każijiet l-oħra, il-pożizzjoni prevista tal-Unjoni mogħtija fid-dokument ta' tħejjija għandha titqies li tkun ġiet approvata sakemm għadd ta' Stati Membri li jkun daqs minoranza li timblokka ma joġġezzjonax għaliha waqt laqgħa tal-korp preparatorju tal-Kunsill jew fi żmien għoxrin jum minn meta jasal id-dokument ta' tħejjija, skont liema minnhom jiġi l-ewwel. F'każ li jkun hemm xi oġġezzjoni, il-kwistjoni għandha tintbagħat lill-Kunsill.

Jekk, matul laqgħat ulterjuri, inklużi dawk fuq il-post, ma jkunx jista' jintlaħaq qbil sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tkun tqis l-elementi l-ġodda, il-kwistjoni għandha tintbagħat lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.
 4. Il-Kummissjoni hija mistiedna tieħu, fiż-żmien dovut, il-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura s-segwitu tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż, fejn ikun xieraq, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u l-komunikazzjoni ta' kull proposta meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-deċiżjoni.
-